# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 17 ta' Dicembru, 2015**

**Talba Nru: 499/2013/VG**

**Jessica D'ALFONSO**

**Vs**

**Anthony D'ALFONSO u b'digriet datat 27 ta' Novembru, 2013 giet kjamata in kawza Jane D'ALFONSO**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fis-9 ta' Settembru, 2013** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' elf u tletin euro u sebgha u ghoxrin centezmi ta' euro [€1,030.27c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> Dan it-Tribunal qieghed jigi mitlub jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma globali ta' elf u tletin euro u sebgha u ghoxrin centezmu (€1,030.27c), rapprezentanti din is-somma,

i) kwantu ghas-somma ta' €135.10 bhala bonus statwarju ghall-perjodu ta' impjieg bejn l-1 ta' Lulju 2011 u l-31 ta' Dicembru 2011,
ii) kwantu ghas-somma ta' €121.16 bhala weekly allowance ghall-perjodu ta' impjieg bejn l-1 t' Ottubru 2011 u l-31 ta' Marzu, 2012,
iii) kwantu ghas-somma ta' €135.10 bhala bonus statwarju ghall-perjodu ta' impjieg bejn l-1 ta' Jannar 2012 u t-30 ta' Gunju 2012,
iv) kwantu ghas-somma ta' €97.86 bhala weekly allowance ghall-perjodu ta' impjieg bejn l-1 ta' April, 2012 u l-25 ta' Awwissu, 2012,
v) kwantu ghas-somma ta' €499.61 bhala vacation leave bejn il-perijodu ta' impjieg tal-1 ta' Jannar 2012 u l-25 ta' Awwissu 2012 u
vi) kwantu ghas-somma ta' €41.44 bhala bonus statwarju ghall-perjodu ta' impjieg bejn l-1 ta' Lulju 2012 u l-25 ta' Awwissu 2012,

dovuti lill-attrici kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez kollha, u bl-imghax fuq l-ammont dovut mid-data illi tali ammont sar hekk dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut illi jinsab minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

**Ra r-risposta ta' l-intimat minnu pprezentata fit-22 ta' Ottubru, 2013** u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

1) Preliminarjament, il-gudizzju m'huwiex integru stante illi l-intimat hu mizzewweg lil Jane D'Alfonso;

2) Il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici bit-trepass ta' sena ai termini tal-Artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili;

3) In sussidju u minghajr ebda pregudizzju, fil-mertu t-talba odjerna hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti billi l-esponent m'ghandu jaghti xejn lill-istess rikorrenti.

4) Salv eccezzjonijiet ohra

**Ra d-digriet tieghu datat 27 ta' Novembru, 2013** u li permezz tieghu laqa t-talba sabiex tigi msejjha fil-kawza Jane D'Alfonso.

**Ra r-risposta tal-imsejha fil-kawza minnha pprezentata fl-20 ta' Frar, 2014** u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

Filwaqt li l-istanti taqbel u tikkonferma illi l-ammont reklamat mill-attrici huwa dovut, huwa biss il-konvenut wahdu illi ghandu jigi ikkundannat ihallas dan l-ammont u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. Fl-ewwel lok, minkejja l-fatt illi n-negozju in kwistjoni huwa appartjenenti ghall-komunjoni tal-akkwisti ta' bejnha u bejn il-konvenut Anthony D'Alfonso, dan kien sa minn dejjem gestit mill-konvenut wahdu u kien biss hu illi kien inkarigat ihallas l-ammont reklamat mill-attrici; ghaldaqstant, l-istanti mhijiex il-legittimu kontradittur;

2. Fit-tieni lok, il-komunjoni ta' bejn il-partijiet ma tista qatt tbati id-dejn reklamat mill-attrici u dan ai termini tal-artikolu 1327 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Ghaldaqstant, u fit-tielet lok, l-istanti tissottometti bir-rispett illi filwaqt illi hija ghandha tinheles mill-osservanza tal-gudizzju, it-talba tal-attrici ghandha tintlaqa, biss kontra l-konvenut – illi fl-

isfond ta' dak li jinghad hawn fuq, ghandu wkoll ibati l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi;

**Ra s-sentenza preliminari datata 28 ta' Novembru, 2014** u li permezz taghha giet michuda it-tieni eccezzjoni mqanqla mill-intimat Anthony D'Alfonso u cioe dik dwar il-preskrizzjoni.

Ra l-verbal tat-28 ta' Ottubru, 2015 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Semgha t-trattazzjoni;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimati, tas-somma ta' elf u tletin euro u sebgha u ghoxrin centezmi ta' euro [€1,030.27c] ghaz-zmien li hija ghamlet tahdem fil-hanut proprjeta tal-intimati.

2. L-intimat laqa' ghal din it-talba tar-rikorrenti billi qal li l-gudizzju mhux integru stante li l-intimat hu mizzewweg lil Jane D'Alfonso u li fil-mertu t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti billi l-esponent m'ghandu jaghti xejn lill-istess rikorrenti.

3. L-imsejha fil-kawza da parti taghha qalet li minkejja l-fatt illi n-negozju in kwistjoni huwa appartjenenti ghall-komunjoni tal-akkwisti ta' bejnha u bejn il-l-intimat Anthony D'Alfonso, dan kien sa minn dejjem gestit mill-intimat

wahdu u kien biss hu illi kien inkarigat ihallas l-ammont reklamat mir-rikorrenti; ghaldaqstant, sahqet l-imsejha fil-kawza, hija m' hijiex il-legittimu kontradittur. Ziedet tghid ukoll li l-komunjoni ta' bejn il-partijiet ma tista qatt tbati id-dejn reklamat mir-rikorrenti u dan ai termini tal-artikolu 1327 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Finalment qalet li hija ghandha tinheles mill-osservanza tal-gudizzju u li t-talba tar-rikorrenti ghandha tintlaqa, biss kontra l-intimat zewgha. Ghalhekk, hija ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Ikkunsidra;

4. Skond ma jirrizulta mid-dokument esebit a fol. 12 tal-process, ir-rikorrenti bdiet tahdem fl-14 ta' Novembru, 2005 u spiccat fil-25 ta' Awwissu, 2012. Hija kienet tahdem bhala *salesgirl*. Id-dettalji tad-datur tax-xoghol taghha, skond l-imsemmi dokument huwa l-intimat Anthony D'Alfonso.

5. **L-imsejha fil-kawza Jane D'Alfonso** qalet li bintha r-rikorrenti kienet tiggestixxi l-hanut proprjeta taghha u ta' zewgha l-intimat. Kien zewgha li kien ihallas lir-rikorrenti l-paga li kienet tircievi talli kienet tigestixxi n-negozju. Qalet li hi ma kellha l-ebda involviment fin-negozju. Hija qalet li taf li bintha ma kienitx thallset il-bonus ghas-sena 2011. Mistoqsija kemm kienet il-paga taghha, hija qalet li ma kienitx taf u li kien l-intimat zewgha li kien jaf kemm kienet il-paga taghha.

6. **L-intimat Anthony D'Alfonso** qal li r-rikorrenti, fil-perjodu msemmi minnha fit-talba taghha, "*kienet tahdem mieghi*" (fol. 25). Qal li bintu kienet istitwiet proceduri kriminali kontrih ghal hlas ta' l-ammont reklamat, liema proceduri intemmu billi huwa kien gie liberat (dok. AD 1 a fol. 40). Qal li bintu r-rikorrenti kienet hadet leave u li kienet anke thallset ghax-xoghol li ghamlet u in sostenn ta' dan huwa esebixxa diversi dokumenti. Qal li r-residenza tieghu kienet faccata tal-hanut u li hafna drabi li kien imur il-hanut, huwa kien isib li dan kien maghluq u kien jispicca jifthu hu. Qal li bintu kienet jew tkun qeghda tiskarta jew inkellha tkun qeghda d-dar. L-

intimat fl-affidavit tieghu qal li "*f'Novembru tas-sena 2005, jien u marti ddecidejna li nifthu negozju tad-detergents ghaz-zewgt uliedna Chantelle u Jessica*" (fol. 83). Huwa qal li hu u martu hallew il-gestjoni ta' dan il-hanut f'idejn it-tfal pero hu u martu kienu jhallsu l-istock u l-paga ta' uliedhom. Zied ighid li qliegh minn dan in-negozju qatt ma kien hemm. Qabel mal-fatt li ghal ewwel ftit snin, il-hinijiet tal-ftuh kienu bejn it-8:30a.m. u s-6:00p.m. u z-zewgt uliedu Chantelle u r-rikorrenti kienu jqassmu l-hin bejniethom. Dan l-arrangament baqa baqa sejjer sas-sena 2010. Qal li fis-sena 2012 bdew il-problemi matrimonjali u l-hinijiet tal-ftuh tal-hanut tbiddlu ukoll. Saru mit-8:30a.m. sas-1:00p.m. u mit-3:00p.m. sas-6:00p.m. filwaqt li s-Sibt kienet tiftah mit-8:30a.m. sa' 12:00p.m. Minkejja dawn il-hinijiet, kompla ighid l-intimat, "*l-hanut dejjem kien ikun maghluq sa' nofsinhar*" (fol. 84). Qal li r-rikorrenti dejjem kienet tiftah il-hanut wara d-9:00a.m. u ftit tal-hin wara kienet tmur taghlef il-qtates u b'hekk terga taghlaq il-hanut. Skond l-intimat, il-hanut kien ikun iktar maghluq milli miftuh u dan billi bintu kienet tmur taghmel il-qadi li kien ikollha bzonn taghmel fil-hinijiet ta' ftuh. Huwa qal li dejjem kien ihalli f'idejn uliedu meta jiehdu l-*leave* taghhom. Qal li ma jaf bl-ebda okkazzjoni fejn uliedu fl-ahhar tas-sena kienu talbuh sabiex ihallashom tal-leave li ma kienux hadu. Inoltre, huwa qal li mit-13 ta' Awwissu, 2012 sal-25 ta' Awwissu, 2012 u cioe l-ahhar gurnata li hadmet fil-hanut, dan il-hanut infetah biss sa 12:00p.m. Qal li lill-uliedu huwa kien ihallashom il-minimum wage u dan peress li minn dan in-negozju ma kienx hemm qliegh. Qal li huwa, meta kien mar il-*labour office*, dawn kienu qalulu li s-somma li kellhu jhallas kienet ta' €151.24c fil-gimgha ghas-sieghat li kienet tahdem ir-rikorrenti. Zied ighid li huwa kien ihallas lil uliedu s-somma ta' €165 fil-gimgha sabiex jaghmel tajjeb ghal bonus statutorju li suppost kellu jhallas. B'hekk qal li l-pretensjoni ta' bintu r-rikorrenti hija sodisfatta. Fil-fatt, kompla jghid l-intimat, fis-sena 2012, huwa hallas l-ammont ta' €522.88c iktar mill-paga minima lir-rikorrenti u ghalhekk dan l-ammont kellu jaghmel tajjeb ghal dak li qeghda titlob ir-rikorrenti. Ghalaq l-affidavit tieghu billi qal li fl-ahhar tas-sena huwa dejjem kien jaghti s-somma ta' €500 fi flus kontanti lil uliedu. Anke lir-rikorrenti kien jaghtihom

dawn il-flus u dan "*sabiex taghmel tajjeb ghal xi differenza (jekk kien ikun il-kaz) ta' hlasijiet in konnessjoni mal-impjieg taghha*" (fol. 86).

7. **Ir-rikorrenti Jessica D'Alfonso** qalet li hija tigi bint l-intimat u l-imsejha fil-kawza. Hija kienet tahdem bhala salesgirl ghalkemm kienet taghmel kollox. Stqarret li kien missierha li kien inkarigaha sabiex taghmel dawn l-affarijiet fil-hanut. Wara li spiccat tahdem, hija kienet marret il-labour office u wara li kienet taghthom l-informazzjoni mehtiega, huma kienu hadmulha s-somma li hija kien ghad fadlilha tiehu minghand missierha. Dan ir-rendikont gie esebit u mmarkat bhala dok. JDA1. Skond dan ir-rendikont, l-intimat kellhu jaghti lir-rikorrenti s-somma ta' €1,030.27c u cioe l-ammont reklamat f'dawn il-proceduri. Qalet li missierha dejjem sostna pero li huwa ma kellu jaghtiha xejn. Ghar-rigward tal-hanut, ir-rikorrenti qalet li dan kien inxtara fiz-zwieg ta' ommha u missierha. In kontro-ezami hija qabelt li ommha ma kellha l-ebda involviment fit-tmexxija tal-hanut. Qalet li hija ma kienet tiehu leave u li missierha l-intimat gieli kien jhallasha bi flus kontanti ghal dawn il-granet li ma tkunx hadet. Dan kien jaghmlu f'Dicembru. Qalet li ghalkemm kien ikun hemm ohtha maghha, din ma kienitx taghmel il-granet li kienet taghmel hi. Sahqet li rari kienu dawk il-granet meta hi kienet tiehu xi gurnata leave. Ziedet tghid li fis-sena 2012 hija ma kienitx hadet gurnata leave u li l-hanut kienet tifthu mit-8:30a.m. sas-6:00p.m. mit-Tnejn sal-Gimgha. Is-Sibt imbaghad kienet tiftah it-8:00a.m. sa 12:00p.m.

   Ir-rikorrenti qalet ukoll li meta imbaghad missierha ma baqax jaghtiha l-bonus u l-leave hi bdiet taghlaq bejn is-1:00p.m. u t-3:00p.m. Qalet li l-appuntamenti li kien ikollha bzonn taghmel kienet taghmilhom f'dan il-hin.

   Ir-rikorrenti ziedet tghid li hija kienet tircievi s-somma ta' €165 fil-gimgha u li l-intimat kien hallasha ta' erba' gimghat notice period. Mistoqsija kif tispjega kif fuq id-dokumenti ezebiti kien hemm miktub il-hinijiet ta' l-appuntamenti f'hin qabel ma jkun inghalaq il-hanut u cioe per ezempju fin-12:30p.m. hija qalet li kienet iccempel lill-individwu koncernat u kienet tghidlu li kienet ser tasal ftit tard.

In kontro-ezami, r-rikorrenti qalet li fis-sena 2012 kienu bdew il-problemi matrimonjali u li missierha ma tahiex dak li kellu jaghtiha "*fl-ahhar sena u cioe dik is-sena li nqalghet il-kwistjoni*" (fol. 104). Fl-ammont ta' €165 li hija kienet tircievi fil-gimgha "*kien jinkludi kollox fiha din ghar-rigward tal-paga tal-gimgha, qatt ma tani xejn zejjed, la bonus, la overtime, ghar-rigward tal-ahhar sena zgur li ma kien hemm xejn minn dan kollu*" (fol. 104). Qalet li fis-snin ta' qabel, il-bonus dejjem taghulha. Ghar-rigward tal-bonus, ir-rikorrenti qalet li hija qeghda titlob minn Awwissu, 2011 sa Awwissu, 2012. Il-*weekly allowance* kien jaghtihula separatament. Mistoqsija fuq il-hames mija maltin (Lm500) li kien jaghtiha qalet li meta kien jaghtiha dan ic-cekk, huwa kien jghidilha li kien qed jinkludi kollox fih u cioe l-gholi tal-hajja, l-bonus, l-overtime u l-weekly allowance.

Dwar il-leave, ix-xhud qalet li hadd ma kien hemm biex ibiddilha u allura rari kienet tiehu l-ghaliex inkellha l-hanut kien jibqa maghluq. Qalet li "*jekk hadt hadt wahda l-ghada tax-xalata*" (fol. 104).

Dwar il-hinijiet tal-ftuh, ir-rikorrenti qalet li hija kienet tiftah mit-8:30a.m. sas-6:00p.m. izda imbaghad x'hin beda jimpika maghha missierha, hija bdiet taghlaq bejn is-1:00p.m. u t-3:00p.m. Qalet ukoll li jekk kien ikollha appuntament f'12:00p.m. u allura taghlaq siegha qabel, hija kienet tiehu hsieb li tiftah siegha qabel u b'hekk tpatti ghal hin li tkun ghalqet.

8. **Jonathan Caruana** qal li huwa jahdem mad-Dipartiment tal-Azzjonijiet Industrijali u Mpjiegi u fid-29 ta' Awwissu, 2012 kienet marret ghandhom ir-rikorrenti fejn infurmathom li l-impjieg taghha kien gie terminat. Qal li l-ammonti huma hadmuhom a bazi ta' dak li qaltilhom ir-rikorrenti. Qal li minn informazzjoni li taghtu r-rikorrenti, hija kienet tahdem *full time*, sitt ijiem fil-gimgha. Zied ighid li "*jekk ir-rikorrenti tatna informazzjoni li ma kienetx korretta ahna nkunu ghamilna l-kalkoli taghna fuq informazzjoni li ma hijiex korretta ghax tkun qaltilna biss hi*" (fol. 60). Qal li ghal bidu huma kienu baghtu talba lill-intimat sabiex ihallas lil bintu s-somma ta' €3046.13c izda imbaghad din it-talba kienet giet riveduta ghal €1,030.26c minhabba l-

fatt li d-dokumentazjzoni li kienet taghthom ir-rikorrenti ma kienx sodisfacenti. Qal ukoll li l-intimat dejjem kien jishaq mieghu li huwa ma kellhu jaghti xejn lir-rikorrenti.

Ikkunsidra ulterjorment;

9. L-imsejha fil-kawza qalet li minkejja l-fatt li l-hanut u n-negozju kienu jifformaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejnha u bejn l-intimat, kien dan ta' l-ahhar li kien jiggestih biss u hi ma kellha x'taqsam xejn mieghu. Ghalhekk hija qalet li ma hiex il-legittimu kontradittur u konsegwentement talbet li tigi mehlusa mill-osservanza tal-gudizzju. It-Tribunal jaqbel ma din l-eccezzjoni tal-imsejha fil-kawza. Mill-provi rrizulta li l-imsejha fil-kawza ma kellha x'taqsam xejn fin-negozju. Dan huwa kkonfermat kemm mid-dokument li hemm esebit a fol. 12 tal-process fejn id-*details of employer* huma indikati bhala Anthony D'Alfonso u kemm mid-dokument li hemm esebit a fol. 67 tal-process li hija immagini ta' cekk bid-data 25 ta' Awwissu, 2012. Fuq dan ic-cekk hemm miktub "*Tony D'Alfonso A/C Shop*". Dwar l-ewwel dokument dan huwa iffirmat mill-intimat u huwa indika lilu nnifsu bhala "*owner*". Jekk ma kienx qed jaqbel ma dan id-dokument, huwa kien fl-obbligu li ma jiffirmahx u li juri d-dettalji korretti. Ghalhekk it-Tribunal sejjer jillibera lill-imsejjha fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-intimat. Konsegwentement, l-ewwel eccezzjoni tal-intimat hija michuda.

10. Ghar-rigward tal-mertu jinghad li r-rikorrenti qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' €1,030.27c. Fid-deposizzjoni taghha, r-rikorrenti qalet li fis-sena 2012 kienu bdew il-problemi matrimonjali u li missierha ma tahiex dak li kellu jaghtiha "*fl-ahhar sena u cioe dik is-sena li nqalghet il-kwistjoni*" (fol. 104) u imbaghad regghet qalet li fis-snin ta' qabel, il-bonus dejjem taghulha. Izda ftit wara qalet li ghar-rigward tal-bonus, hija kienet qeghda titlob minn Awwissu, 2011 sa Awwissu, 2012. It-Tribunal jemmen li sal-2011 l-intimat kien hallas kollox lir-rikorrenti u li huwa ghandu jaghtiha biss mill-1 ta' Jannar, 2012 il-quddiem. It-Tribunal ma jistax jaqbel ma dak li qal l-intimat

u cioe li huwa kien ihallas s-somma ta' €165 fil-gimgha lil bintu sabiex jaghmel tajjeb ghal bonus statutorju li r-rikorrenti kienet intitolata ghalih, dan l-ghaliex dawn l-ammonti jithallsu apparti l-paga li persuna tinghata. Apparti dan, ma hemm l-ebda kuntratt bil-miktub bejn il-partijiet u allura tapplika l-ligi. Oltre dan, lanqas ma jregi l-argument tal-intimat meta qal li skond ma qalulu mill-*labour office* l-paga minima nazzjonali kienet ta' €151.24c fil-gimgha u allura d-differenza bejn dan l-ammont u l-ammont li kienet tircievi r-rikorrenti bhala paga ta' €165 kellu jaghmel tajjeb ghal affarijiet kollha li suppost kellha tircievi minghandu bintu r-rikorrenti. Huwa argumenta li bintu ghamlet 38 gimgha tahdem fil-hanut tieghu fis-sena 2012 u allura jekk timmultiplika dan l-ammont ta' gimghat bid-differenza bejn iz-zewg ammonti u cioe l-ammont ta' €13.76c hawn fuq indikati jigi l-ammont ta' €522.88c (fol. 85). Ghar-rigward tal-leave pero, t-Tribunal jemmen li l-intimat ghandu bicca ragun u ghalhekk sejjer jnaqqas arbitrio boni viri l-ammont ta' tlett ijiem mill-*leave* tar-rikorrenti. Ghal facilita, t-Tribunal sejjer jaghmel it-talbiet tar-rikorrenti f'tabella u hdejn kull ammont jindika l-ammont li fil-fehma tieghu haqqa tiehu r-rikorrenti wara li inghad dan hawn fuq.

| Talba | | Kummenti |
|---|---|---|
| | | |
| **€135.10** bhala bonus statwarju ghall-perjodu ta' impjieg bejn l-1 ta' Lulju 2011 u l-31 ta' Dicembru 2011 | | Xejn |
| **€121.16** bhala weekly allowance ghall-perjodu ta' impjieg bejn l-1 t' Ottubru 2011 u l-31 ta' Marzu, 2012 | | Nofs dan l-ammont mill-1 ta' Jannar, 2012 sal-31 ta' Marzu, 2012 u cioe l-ammont ta' **€60.58c** |
| **€135.10** bhala bonus statwarju ghall-perjodu ta' impjieg bejn l-1 ta' Jannar 2012 u t-30 ta' Gunju 2012 | | Kollu **€135.10c** |
| **€97.86** bhala weekly allowance ghall-perjodu ta' impjieg bejn l-1 ta' April, 2012 u l-25 ta' Awwissu, 2012 | | Kollu **€97.86c** |
| **€499.61** bhala vacation leave bejn il-perijodu ta' impjieg tal-1 ta' Jannar 2012 u l-25 ta' Awwissu 2012 | | Nehhi tlett ijiem leave. 101.53 sieghat x €3.98/hr = **€404.09c** |
| **€41.44** bhala bonus statwarju ghall-perjodu ta' | | Kollu **€41.44** |

| | | |
|---|---|---|
| impjieg bejn l-1 ta' Lulju 2012 u l-25 ta' Awwissu 2012 | | |
| | | |
| **Total €1,030.27** | | **Total €739.07c** |

11. Huwa l-ammont ta' €739.07c li huwa dovut mill-intimat lir-rikorrenti.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi:

1. Jilqa l-eccezzjonijiet tal-imsejha fil-kawza u jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat;

3. Jilqa t-talba tar-rikorrenti limitatament ghall-ammont ta' seba' mija disgha u tletin euro u seba' centezmi ta' euro [€739.07c] u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' seba' mija disgha u tletin euro u seba' centezmi ta' euro [€739.07c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru millum sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Alan Zerafa**
**Deputat Registratur**